Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9378/17

DEVGEN 102
ACP 49
RELEX 427
FIN 313
CADREFIN 60
COHOM 63
COEST 102
COLAC 41
COAFR 142
MOG 36
ASIE 15
COASI 59
WTO 115

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Mejju 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	6498/17
Suġġett:	Rapport Annwali tal-2016 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjoni esterna fl-2015 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Mejju 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2016 dwar dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjoni esterna fl-2015, kif adottati mill-Kunsill fit-3540 laqgħa tiegħu li saret fl-19 ta' Mejju 2017.

ANNESS

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2016 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjoni esterna fl-2015

1. Fl-2015 l-UE kollettivament ipprovdiet aktar minn nofs tat-total ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) għal pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-Kummissjoni Ewropea waħedha ħarġet aktar minn EUR 10.3 biljun mill-baġit tal-UE u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' r-Rapport Annwali tal-2016 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjoni esterna fl-2015 bħala strumentali biex iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati jkunu informati dwar kif l-UE tappoġġa lill-pajjiżi sħab biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), u b'hekk jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-azzjoni esterna tal-UE. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u tematiku estensiv tar-rapport, li jipprovdi ħarsa ġenerali utli lejn ir-rispons tal-UE għall-iżviluppi politiċi u l-isfidi globali.

2. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-rappurtar tar-riżultati[1] u jilqa' l-fatt li fir-rapport ġew integrati riżultati bbażati fuq il-Qafas tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali. Dan jiżgura valutazzjoni aktar komprensiva tal-prestazzjoni istituzzjonali tal-Kummissjoni u ser jagħmilha possibbli li jiġi segwit il-progress tul iż-żmien. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb il-kwalità tar-rappurtar inkluż dwar ir-riżultati ta' proġetti li għaddejjin.

[1] Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2014 (10044/14), tas-26 ta' Mejju 2015 (9145/15) u tat-28 ta' Novembru 2016 (14676/16) dwar it-titjib tar-rappurtar tar-riżultati fl-assistenza esterna tal-UE u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' rappurtar dwar il-progress fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, it-transizzjoni lejn l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli universali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-preżentazzjoni mtejba tal-informazzjoni finanzjarja, kif ukoll il-ħafna eżempji konkreti tal-impatt tal-għajnuna tal-UE li huma ppreżentati permezz ta' studji ta' każijiet illustrattivi.

4. Il-Kunsill japprezza r-rappurtar dwar l-evoluzzjoni tal-politika u l-prattiki tal-UE għall-iżvilupp. Huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tirrapporta dwar il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp, l-Effettività tal-Iżvilupp, il-Programmazzjoni Konġunta, il-Finanzjament għall-Iżvilupp, u r-relazzjoni bejn l-Iżvilupp u l-Għajnuna Umanitarja.

5. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tkompli tirrapporta dwar attivitajiet relatati mal-migrazzjoni u l-iżvilupp, inkluż dwar il-progress miksub permezz tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-istabbiltà u l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-persuni spostati fl-Afrika, li ġew adottati fis-Summit tal-Belt Valletta fl-2015.

6. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella għal rappurtar kontinwu dwar l-attivitajiet tal-UE relatati mal-paċi u s-sigurtà internazzjonali inkluż ir-rispons urġenti għal kriżijiet politiċi u l-kontributi għal missjonijiet ta' stabbilizzazzjoni ċivili. Bl-istess mod, il-Kummissjoni għandha tkompli tirrapporta dwar il-kooperazzjoni tal-UE ma' sħab ewlenin dwar l-isfidi globali f'oqsma bħalma huma l-aġenda tal-klima u l-iżvilupp ekonomiku.

7. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tirrapporta dwar l-attivitajiet relatati mat-tibdil fil-klima u l-ambjent u jfaħħar lill-Kummissjoni għar-rappurtar komprensiv tagħha dwar dawn il-kwistjonijiet.

8. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi tal-UE fil-viċinat immedjat tagħna u l-appoġġ tagħha għar-riformi politiċi u ekonomiċi, it-trasformazzjoni demokratika u l-istabbilizzazzjoni fil-pajjiżi kkonċernati kif muri kemm permezz tar-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat kif ukoll bl-adozzjoni ta' strateġija pluriennali għat-tkabbir.

9. Il-Kunsill japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrapporta b'mod regolari dwar attivitajiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi tagħha biex tirrapporta fejn possibbli dwar data diżaggregata skont is-sess u l-età sabiex turi aħjar it-tqassim tar-riżultati tal-UE.

10. Il-Kunsill ifaħħar lill-Kummissjoni għar-rappurtar komprensiv tagħha dwar il-portafoll għall-appoġġ baġitarju u dwar l-esperjenzi fl-użu tiegħu u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tirrapporta fid-dettall dwar dan kif ukoll dwar modalitajiet oħra ta' għajnuna bħall-fondi fiduċjarji tal-UE, il-kooperazzjoni ddelegata u t-taħlit, biex b'hekk tiżdied it-trasparenza tal-azzjonijiet tal-UE. Trasparenza sħiħa rigward ir-riżorsi għall-iżvilupp hija kruċjali biex jiġu appoġġati l-iskrutinju u r-responsabbiltà reċiproka minn firxa ta' partijiet ikkonċernati, inkluż ċittadini fl-UE.